| IT-TIELET SENA | RELIĠJON | ĦIN: Siegħa u Nofs |
|---|---|---|

**ISEM** ______________________________ **KLASSI** ______________

## Taqsima A

**Agħżel it-tweġiba t-tajba u agħmel sing taħtha**

1. Il-kuxjenza hija (l-Bibbja - l-leħen t’Alla fina - talba).
2. It-Tentazzjoni hija (dnub - gidba - ħajra għad-dnub).
3. Vizzju huwa (drawwa ħażina - drawwa tajba - esperjenza taż-żgħożija).
4. Is-Sataniżmu hu (l-agħar espressjoni ta’ tkasbir lejn Alla - qima lil Alla - qari ta’ l-istilel).
5. Meta tieħu ġurament int (tgħid gidba - tgħid dak li jaqbillek - issejjaħ lil Alla bħala xhud tiegħek).
6. Ħabib veru hu dak li (jgħinni u jaqsam miegħi dak li jkollu - jaħrabni fil-bżonnijiet tiegħi - ifittixni meta għandu bżonn).
7. Lażżru kien (appostlu ta’ Ġesù - Evanġelista - ħabib tal-qalb ta’ Ġesù).
8. David kien (l-ewwel sultan ta’ Iżrael - imħallef - sultan).
9. L-Apokalissi huwa (ktieb tat-Testment il-Ġdid - ktieb tat-Testment il-Qadim - wieħed mill-Evanġelji).
10. Il-kmandamenti huma (l-liġi t’Alla - l-liġi tal-Knisja - l-liġi ta’ l-Istat).

**(10 marki)**

## Taqsima B

**Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet**

Kif wasal fuq il-Għolja taż-Żebbuġ qalilhom: “Itolbu li ma tidħlux fit-tiġrib”. Imbagħad tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta’ ġebla, u nxteħet għarrkobbtejh jitlob u jgħid: “Missier, jekk int trid, warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek.”
Deherlu anġlu mis-sema biex jagħmillu l-qalb, imma hu ħass dwejjaq tal-mewt fuqu, u beda jitlob b’ħerqa akbar.
Il-għaraq sarlu bħal qtar tad-demm iċarċar sa l-art. (Luqa 22,39-44)

1. Ġesù mar fil-ġnien taż-Żebbuġ f’mument importanti f’ħajtu.
   X’kien ser jiġri dritt wara?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

(3 marki)

2. X'kienet it-tentazzjoni li kellu Ġesù fil-ġnien taż-Żebbuġ?

(3 marki)

3. Ġesù kif għeleb din it-tentazzjoni?

(3 marki)

4. Xi tfisser il-kelma 'kalċi' f'din is-silta?

(3 marki)

5. Fisser is-sentenza ta' Ġesù: "Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek."

(3 marki)

6. Min fejn jiġu t-tentazzjonijiet tagħna?

(3 marki)

7. Semmi **żewġ** tentazzjonijiet li int jista' jkollok u għid kif tista' tegħlibhom.

(4 marki)
**(22 marka)**

## Taqsima Ċ

**Fisser dawn is-sentenzi mill-Bibbja. Ikteb mhux inqas minn <u>tliet</u> linji fuq kull waħda.**

1. "Dan hu Ibni l-Għażiż, isimgħu Lilu."

(4 marki)

2. "Missier jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi."

(4 marki)

3. "Ħobb lill-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u bis-setgħa tiegħek kollha."

(4 marki)

4. "Kull ma tagħmlu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu tagħmluh miegħi."

(4 marki)

5. "U ħares Alla lejn kull ma għamel u ara, kollox kien tajjeb ħafna."

(4 marki)

6. "Jien hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja."

(4 marki)

**(24 marka)**

## Taqsima D

Wara l-lezzjonijiet tar-Reliġjon ta' din is-sena, ikteb x'tgħallimt fuq kif għandek iġġib ruħek bħala Nisrani/Nisranija mal-

a) ġenituri:

b) ħbieb:

ċ) għedewwa:

**(24 marka)**

## Taqsima E

**Ikteb paragrafu ta' madwar 50 kelma li fih tirrakkonta l-ġrajja ta' WIEĦED minn dawn l-episodji fil-ħajja ta' Ġesù:**

1. Meta Ġesù ntilef fit-Tempju.
2. Meta Ġesù ġie ttentat fid-deżert. (It-Tentazzjonijiet)
3. Meta Ġesù tbiddel quddiem l-Appostli. (It-Trasfigurazzjoni)

**(20 marka)**